**ĦAL TARXIEN**

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA’ LEĠISLATURA 2013 - 2019

**SEDUTA NUMRU 97/07**
l-Erbgħa 22 ta’ Mejju 2019 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | *SKUŻAT* |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

---

## AĠENDA

| | |
|---|---|
| 97.1 | Qari tal-ittri ta’ apoloġiji; |
| 97.2 | Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti; |
| 97.3 | Komunikazzjoni mis-Sindku; |
| 97.4 | Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri; |
| 97.5 | Rapporti; |
| 97.6 | Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 80/2019; |
| 97.7 | Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta’ Sotto Kumitati; |
| 97.8 | Mozzjonijiet; |
| 97.9 | Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss. |

---

**TALBA**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 97.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijja

**i.** Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija f'din il-laqgħa. Ittri ta' Apoloġija

## 97.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Iffrmar tal-Minuti

**i.** Il-Minuti Nru. 95/2019 Laqgħa Straordinarja u Nru 96/2019 tad- 29 ta' April 2019 ittieħdu bħala moqrija peress li kienu ċċirkulati minn qabel. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

## 97.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

**i.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għalkemm kienet ntbgħatet l-ittra bl-avukat lill-Perit Mintoff – Building & Design Consultants dan bqajna qatt ma smajna xejn mingħandu. Perit Mintoff – Building & Design Consultants

**ii.** Rigward it-turf tal-ground 5 aside s-Sindku nforma lill-Kunsill li konna għadna l-istess hekk kif kien irrapurtat fl-aħħar laqgħat. Sadanittant il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u ddeċieda li nimxu fuq il-parir tal-avukat. Turf tal-ground 5 aside

**iii.** Is-Sindku Paul Farrugia qal li għalkemm kien beda x-xogħol fi Triq Żejtun u kienu qed isiru servizzi fuq iż-żewġ naħat, kienet inqalgħet problema għaliex is-sidien tal-aħħar dar, Villa Barbaro, kienu żammew lill-Infrastructure Malta u s-Sovraintendenza. Żied jgħid li l-kumplament tax-xogħol fuq it-triq ukoll waqaf għaliex xi ħadd minn tal-festa kien sab lill-Perit u lill-kuntrattur u qalilhom biex jieqfu. Is-Sindku Paul Farrugia qal li kien iċċekja u kienu huma stess li qallulu dan id-diskors. Il-Kunsillier Ismael Dalli rrimarka b'liema dritt xi ħadd minn tal-festa jwaqqaf ix-xogħol u Infrastructure Malta jisimgħu minnu. Spiċċajna dawn l-aħħar xahrejn l-amministrazzjoni taqa f'idejn in-nies tal-festa. Toroq Zejtun u Sorijiet – Minn Infrsastructue Malta

**iv.** Rigward ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Seg. Eżek. reġgħet infurmat lill-Kunsill li għal darb'oħra d-DLG kien reġa bgħat reminder dwar dan. ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Seg. Eżek.

**iv.i** Il-Kunsill għal darb'oħra qabel li jibqgħu mad-deċiżjoni li jistennew direzzjoni mingħand l-Assoċ. Kunsilli Lokali.

**v.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna mexxejna bl-Applikazzjoni tal-bus shelter għat-toroq Palma u Tarxien filwaqt li konna qed nistennew mill-kumpanija FACES. Bus Shelter Triq Palma - Applikazzjoni

**v.i** Is-Sindku żied jgħid ukoll li l-bus shelter ta' MISRAH IS-SUQ twaħħal filwaqt li kien jonqos biss li jitpoġġa l-bank. Bus Shelter – Misraħ tas-Suq

**vi.** Rigward Blokka appartamenti ġodda fi Triq San Mikiel Fgura s-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu kollox l-istess hekk kif irrapurtat lilhom fil-laqgħat preċedenti. Blokka apaprtamenti ġodda fi Triq San Mikiel Fgura

vii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fi Ġnien Kurunell Mass kien inbeda x-xogħol u bħalissa kienu waslu anke l-pots u x-xogħol kien miexi. Tender - Ameljorament ta' Ġnien Kurunell Mass

viii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien deher il-Qorti minħabba kumment fuq il-FACEBOOK nhar -il 15 ta' Mejju 2018 mingħand is-Sur Juan Carlos Farrugia. Waqt is-smiegħ tas-seduta l-avukat tal-akkużat Dr Carm Mifsud Bonnici talab jekk kienx biżżejjed li jitlob skuża fuq il-paġna tal-Kunsill fuq FACEBOOK. Din it-talba l-Magistrat ma aċċettahiex kompletament. Għalkemm approva li l-imputat jitlob skuża pubblika, xorta waħda ser ikompli bil-kawża iżda issa din il-kawża kellha tiġi ddifferita għaliex il-Magistrat leħaq Imħallef. Kawża l-Qorti

ix. Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li dwar il-proġett biex issir Triq l-Isqajjaq li dwaru kien avviċinah l-Onor. Silvio Parnis, kulħadd kien jaf li bħala Kunsill kien hemm qbil li jingħataw fondi mill-UIF/DPF lill-Arċipriet. Qal li kienet ċemplitlu waħda mill-kandidati laburisti u qaltlu li xi ħadd mill-OPM kien ċemplilha biex bħala kandidati jkunu prezenti waqt il-konferenza stampa tal-preżentazzjoni tal-Kunsill lill-Arċipriet għal dawn il-fondi. Żied jispjega s-Sindku li l-konferenza stampa ma ħax ħsiebha l-Kunsill Lokali jew hu bħala s-Sindku u għalhekk anke l-kunsillieri prezenti ma kenux mistiedna u anqas il-kandidati PN ma ġew mistiedna. Ameljorament ta' pjazza f'Misrah Brittania

Dakinhar tal-konferenza stampa hu bħala Sindku kien staqsa lill-Onor. Silvio Parnis imma dan wieġbu li anqas ma kienet ġejja minnu.

Sadanittant xi persuni kienu avviċinaw lilu bħala s-Sindku fejn riedu jkunu jafu għaliex l-Ministru li snin ilu taħtu kienet saret il-pjazza, issa kien reġa qiegħed il-Perit tax-xogħol. Is-Sindku Paul Farrugia spjegalhom li din il-persuna ma kienx il-Perit tal-proġett imma l-Perit għall-Knisja Parrokkjali li kienu qed jissottomettu l-proġett.

Is-Sindku Paul Farrugia reġa saħaq li dan il-proġett huwa ta' Infrastructure Malta għaldaqstant il-kuntratt ser tatih Hi lill-kuntratturi tagħha filwaqt li l-Kunsill Lokali ser jissorvelja x-xogħlijiet permezz tal-Perit tagħna u jrid ukoll jipprovdi għall-istreet furniture. Il-Kunsill qabel unanimament.

x. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-talba għal tiswija tal-bandli b'Direct Order kienet għaddiet min-naħa ta' DLG filwaqt li kienet ukoll waslet il-konferma mingħand il-Ministru u kien inbeda wkoll ix-xogħol u bħalissa kien qed jitpoġġa s-safety material. Survey MCCAA – Direct Order

xi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien baqa ma kellux risposta mingħand il-kuntrattur tagħna dwar il-ġonna li ma kellhomx arloġġ tad-dawl installat u għaldaqstant kien qed jissuġġerixxi li jipprova jsib lill-ħaddieħor. Applikazzjonijiet arloġġ tad-dawl fil-ġonna

xi.i. Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament qabel li jsir kif propost.

xii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien ċempel it-tifel tal-Brunżar li kien beda jaħdem fuq il-BUST fejn infurmah li kien jaf artist u jekk xtaqx li dan l-artist jkompli fejn kien ħalla missieru. Is-Sindku qal li kien ikkonfermalu filwaqt li l-Kunsill ukoll qabel unanimament. Żied jgħid ukoll li kienet waslet id- Monument – Renzo Gauci

DNO mingħand il-PA bl-approvazzjoni dwar l-iżvilupp tas-sit in kwistjoni.

**xiii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol fi Triq Santa Tereza kien inbeda. Il-Kunsillier Frans Agius ġibed l-attenzjoni li kien hemm xi kurduna mkissra. Is-Sindku qal li kien ħa nota u kien ser jiċċekja u fil-każ jkellem lill-Kuntrattur sabiex jirranġa. Permessi toroq Betta, Sta Tereza, Sammat u Karmnu

**xiii.i** Żied jispjega s-Sindku li Triq Sammat kienet inbdiet ukoll u kienu nqalgħu bankini u kienu ser jibdew jgħaddu s-servizzi.

**xiv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet inbdiet Triq Alfier De Medran u s-servizzi kienu kwazi lesti filwaqt li avża li daqt kienet ser tinbeda wkoll Triq il-Witja. Toroq ġodda bit-tarmak

**xv.** Is-Sindku fakkar lill-Kunsill li kien għad hemm vakanza għal assistent skrivan skala 16 li konna ser nerġgħu nattivaw biex tinħareġ. Vakanza Skrivan Skala16

**xvi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Infrastructure Malta kienet avviċinatu u nfurmatu li kienu qed jipproponu li jirranġaw l-area ta' wara l-iskola. Is-Sindku qal li għal darba tnejn tlieta kien infurmahom li dik l-area hija tal-privat pero jekk bħala Awtorita huma riedu jirranġaw l-area hu ma kienx ser iwaqqafhom. Sit fejn l-iskola

**xvi.i** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament qabel mas-Sindku li jekk Infrastructure Malta tixtieq li tirranġa s-sit il-Kunsill ma kienx ser iwaqqafha.

**xvii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li konna bgħatna lit-TM it-talba fejn konna qed nissuġġerixxu li Triq Dejma tigi kollha *one way* u min ikun irid jidħol lejn il-Bank HSBC ikun irid jinżel Kurunell Mas u jdur mar-roundabout u jidħol Triq Leonardu Abela u joħroġ għal Triq Żejtun u jkun jista jew idur għal Triq il-Kbira jew inkella jibqa sejjer dritt fi Triq Iż-Żejtun fl-area ta' Ġnien Kurunell Mas, konna rċevejna mingħand TM fejn dawn ma kienux isibu oġġezzjoni basta nibgħatulhom pjan dettaljat tal-kambjament propost flimkien mat-tabelli u sinjali u dan qabel ma jinbeda x-xogħol previst. Traffic Maangement – Area Ġnien Kurunell Mas

**xviii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu twaħħlu t-tabelli tal-ONE WAY fi Triq San Anard man-naħa tas-service road. One Way – Triq San Anard

**xix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu waslu mingħand it-TM:- Talbiet TM

- RESERVED PARKING BAY – Blk 1, Flt. 3, Triq Kelinu Cachia – Talba sabiex titneħħa u dan għaliex is-sid biddel ir-residenza;
- RESERVED PARKING BAY – 12 Trejqa Vincent Battistino –
- 1.5 M KEEP CLEAR BAY/RESERVED PARKING BAY – 231, Triq Sammat
- 1.5 M KEEP CLEAR BAY/RESERVED PARKING BAY – 16, Kalimera, Flt 2, Triq il-Fuħħar
- 1.5 M KEEP CLEAR BAY/RESERVED PARKING BAY – 55, Triq Santu Wistin
- RESERVED PARKING BAY – 54, Belle Man, Triq B'bugia
- 1.5 M KEEP CLEAR BAY/RESERVED PARKING BAY – Mis E1,

Tarxien Temples, Triq Xandru Farrugia

- Road hump – Triq l-Iskola k/m Triq l-Annunzjata
- 1.5 M KEEP CLEAR BAY/RESERVED PARKING BAY - Nru. 12, Trejqa Vincent Battistino hekk kif kien deċiż fil-laqgħat ta' qabel din ma setax isir hemmhekk għaliex m'hemmx skop għalih għaliex minn hemm ma jgħaddux karozzi u hemm il-pavimentar. Filwaqt li kienet ser issir fi triq biswiet li tiġi Triq Kelinu Cachia.

**xix.i** Il-Kunsill iddiskuta dawn it-talbiet u qal li ma kienx isib oġġezzjoni li dawn isiru.

**xx.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien tressaq kaz mingħand resident fi Triq Alfier De Medran fejn bħalissa għaddejjin xogħlijiet ta' resurfacing u bdil ta' servizzi fost oħrajn mill-Kuntrattur tal-Kunsill fejn dan ir-resident qed jallega li l-kuntrattur waqt ix-xogħol kien ġibed xi pipe bil-konsegwenza li dan inqala minn ġewwa u dan is-sit u xi djar fil-viċin kellhom leakage tal-ilma u saritilhom xi ħsara. Ħsara residenzi – Triq Alfier De Medran

**xx.i** Saret diskussjoni mill-Kunsill Lokali dwar dan u ġie deċiż li dan il-każ ngħadduh lill-insurance tal-Kunsill għall-kunsiderazzjoni tagħhom.

**xxi.** Is-Sindku Paul Farrugia ssuġġerixxa sabiex din is-sena wkoll jiġi ċċelebrat JUM Ħal Tarxien bil-programm ikun bħas-soltu :-

- QUDDIESA ,
- KORTEO BL-ISCOUTS u GĦAQDIET SAL MONUMENT fejn jitpoġġew il-fjuri u titla l-bandiera
- KORTEO jibqa tiela sa' quddiem l-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali fejn tingħata bibita
- KORTEO jitlaq minn fejn il-Kunsill Lokali u jgħaddi minn Triq Il-Fieres u jibqa sejjer għal –Ġnien Kurunell Mass għall-ftuħ ta' dan il-Ġnien.

**xxi.i** Saret diskussjoni dwar dan mill-Kunsill u kien hemm qbil unanimu li Jum Ħal Tarxien jiġi ċċelebrat nhar il-Ħadd 30 ta' Ġunju 2019 bil-programm hekk kif propost mis-Sindku Paul Farrugia.

*Il-Viċi Sindku Keith Darmanin irtira fi 19:15*

**97.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**97.5 Rapporti**

Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

- 

**97.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**i.** Ġiet mressqa l-iSkeda ta' Pagamenti Nru.80/07. Din l-iSkeda ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

**97.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**i.** Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**97.8 Mozzjonijiet**

**i.** Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**97.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fis-7.20PM

Laqgħa oħra ser tinżamm nhar **l-Erbgħa 19 ta' Ġunju 2019 fil-5:30pm**

***(IFFIRMATA)***

**Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ**
**Sindku**

***(IFFIRMATA)***

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**